MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 257/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nancy Muscat**
**Marisa Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nancy Muscat u Marisa Muscat talli fil-kwalita` taghhom ta’ diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` Firm Eliseo Muscat Ltd (C32920) b’ufficcju registrat New Street off San Gwann Road, B’Kara, u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi kollha sal-perijodu 19 ta’ Ottubru 2004 fl-ammont ta’ Lm3400 dovuti lill-ex-impjegat tas-socjeta` fuq imsemmija Carmel Tonna fit-tmiem tal-impjieg tieghu fid-19 ta’ Ottubru 2004.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmijin Nancy Muscat u Marisa Muscat li jhallsu lill-imsemmi Carmel Tonna l-ammont imsemmi ghar-ragunijiet fuq specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fis-27 ta' Gunju 2006 li permezz taghha ddikjarat l-azzjoni preskritta;
Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat pprezentat fl-20 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellate, tiddikjara l-azzjoni mhux preskritta, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti erronejament iddikjarat l-azzjoni preskritta ghax kuntrarjament ghal dak indikat, it-terminazzjoni tal-impjieg kienet id-19 ta' Ottubru 2004 u mhux l-1 ta' Ottubru 2004 kif indikat mill-employer. Konsegwentement in-notifika saret fit-terminu. Jghid ukoll illi s-sentenza nghatat fl-assenza ta' Marisa Muscat.

Dwar l-aggravju illi s-sentenza nghatat fl-assenza ta' Marisa Muscat, xehdet Marisa Muscat quddiem din il-Qorti li kkonfermat illi hija kienet prezenti quddiem l-ewwel Qorti flimkien mal-mama` taghha. Ghalhekk dan l-aggravju mhuwiex ser jigi kkunsidart ulterjorment.

Kwantu ghall-aggravju principali tal-prosekuzzjoni jigi osservat l-ewwelnett illi l-perijodu preskrittiv skond l-artikolu 47(1) tal-Kap. 452 huwa ta' sena. L-appellati qeghdin jigu akkuzati li ma hallsux il-pagi lil Carmel Tonna sad-19 ta' Ottubru 2004. Mir-riferti esebiti jirrizulta li huma gew notifikati fit-18 ta' Ottubru 2004. L-appellant xehed illi d-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kien id-19 ta'

Ottubru 2004, data meta giet rilaxxata d-dikjarazzjoni a fol. 10 tal-process u li l-pagi lilu dovuti huma b'effett sa dik il-gurnata. Stranament, jidher li s-socjeta` baghtet formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg lill-ETC fejn gie dikjarat li d-data tat-terminazzjoni kienet il-31 ta' Awissu 2004 (fol. 18), mentri l-FS3 ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2004 tindika perijodu mill-1 ta' Jannar 2004 sa l-1 ta' Ottubru 2004. Fid-dawl ta' dawn id-diskrepanzi mis-socjeta` msemmija, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma tistax hlief toqghod fuq dak li xehed Carmel Tonna li d-data effettiva tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet id-19 ta' Ottubru 2004.

Konsegwentement l-azzjoni mhix preskritta u l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u, sabiex il-partijiet u specjalment l-appellati, ma jigux privi mill-beneficcju tad-*doppio esame*, tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------